MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2010

Numru. 65/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**

**vs**
**Rochelle Chantelle Grech bint Anthony Grech u Jacqueline imwielda Douglas, imwielda Londra fis-27 ta’ Gunju 1987 u residenti, Mariclo, 65, Triq tal-Hamrija, Xewkija, Ghawdex u/jew Arzella, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex u detentrici tal-karta ta’l-identita’ numru 319004L**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmija Rochelle Chantelle Grech li giet akkuzata talli fin-Nadur, Ghawdex u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, f’Dicembru 2007 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnha wkoll jekk

fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. B'eghmil zieni, ikkorrompiet lill-persuna taht l-eta' u cioe' lil OMISSIS , minuri ta' erbatax-il sena;
2. Eccitat, ghinet jew iffacilita il-korruzzjoni tal-istess minuri u cioe' tal-imsemmi OMISSIS.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tas-16 ta' Dicembru 2008.

Semghet illi l-imputata ma kellhiex oggezzjoni illi dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatha zmien skond il-ligi tirrikonsidra l-istess.

Rat il-*pre-sentencing report* tal-Ufficjal tal-Probation Chantal Avellino.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issibha hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputata, il-fedina penali nadifa taghha u fuq kollox ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation Chantal Avellino. Il-Qorti ser tikkwota *verbatim* dak li stqarret l-Ufficjal tal-Probation fir-rapport taghha peress illi hija fissret bl-iktar mod car ir-raguni li wasslet lill-imputata tikkometti r-reati li dwarhom illum tinsab akkuzata:

“Meta wiehed jikkonsidra wkoll l-esperjenza ta’l-imputata mal-*caregivers* taghha, jigifieri s-sisters, il-qassis, ir-relazzjoni taghha ma’ ommha, kif ukoll ‘hbieb’ li kienu gewwa l-istitut, wiehed jinnota li dan seta’ holoq cirku vizzjuz fejn ‘*the abused*’ sar ‘*the abuser*’ (*cycle of abuse theory*) u l-affarijiet li graw lilha, hija rrepetiet fuq haddiehor bhala ‘*learned behaviour*’. Dawn il-fatturi huma riflessi wkoll fir-ricerka li tindika li nisa li gew abbuzati jew li sofrew ‘*childhood trauma*’ kienu fil-fatt iktar fir-riskju li jikkomettu reat ta’ natura sesswali.”

Minn dana r-rapport jidher illi l-imputata llum ghandha hajja stabbli, ghandha gharus u tiggestixxi negozju taghha. Inoltre llum l-imputata kellha tarbija u dana kif jirrizulta mill-verbal tas-7 ta’ Jannar 2010. Il-Qorti ghalhekk tqis illi fic-cirkostanzi piena karcerarja effettiva ma hijiex idonja. L-imputata ghandha bzonn l-ghajnuna sabiex taghraf telgheb il-hsara psikologika li hija soffriet fit-trobbija taghha.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 203 u 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal perijodu ta’ sena (1) prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjoni hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dana l-perijodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn (2) mil-lum. Inoltre wara li rat l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qieghda tordna illi l-hatja titiqieghed taht Ordni ta’ Supervizjoni wkoll ghal zmien sentejn (2) mil-lum u dana taht id-direzzjoni tal-Ufficjal tal-Probation Chantal Avellino, b’dana illi hija ghandha tattendi sessjonijiet ghand psikjatra jew psikologu u dana taht id-direzzjoni tal-istess Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk tikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina s-sentenza jew jekk hija tonqos milli tobdi l-ordni imposta fuqha illum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------